MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 1352/2004

**Stephen Montreal**
**Vs**

**Oliver Curmi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Gunju 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u wiehed Liri Maltin (Lm301) rapprezentanti valur ta hsara kkagonata fil-mutur tal-attur oltre li garrab feriti hfief f'incident stradali li sehh nhar l-1 ta Settembru 2003 ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-26 ta Lulju 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident oltre li l-ammont mitlub kien ezagerat u b'riserva tal-prezentata ta risposti ulterjuri.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li l-attur kien gej mill-mutur tieghu fi triq San Anard, Bulebel fejn il-fabbriki sejjer lejn id-direzzjoni ghat-triq tal-Barrani. Il-konvenut da parti tieghu kien hiereg minn triq fil-gemb minn fuq stop sign liema triq tigi sekondarja fil-konfront ghal dik mnejn kien gej l-attur. Ghal bidu il-konvenut waqaf ftit il-barra mill-istop sign biex ihalli l-vetturi minn naha tax-xellug tieghu jghaddu u mbaghad rega qala ‘il barra. Fil-fatt kien f’dan il-mument li sehh l-incident stante li meta l-konvenut rega qala l-barra ma ndunax bil-vicinanzi tal-attur u kwindi bblokkalu l-karreggjta principali tieghu. Appena l-attur ra dan, huwa pprova jevita l-impatt mal-konvenut billi applika l-brakes f’salt bil-konsegwenza li xkana mal-art u ghalkemm ma habatx mal-vettura tal-konvenut, il-mutur tieghu xorta wahda gralha l-hsara. Din il-verzjoni tinsab riflessa kemm fix-xhieda ta l-attur u kif ukoll fir-rapport tal-pulizija li jinsab esebit bhala Dok IC 1 mnejn jidher li anke l-konvenut stess donnu qed jaqbel dwar l-andament tal-incident. Anke fix-xhieda tieghu, il-konvenut stess ighid li huwa qala minn triq sekondarja biex jaqsam ghal gewwa triq principali u li fil-fatt kien ra lil tal-mutur gej mill-istess triq principali u li hekk kif kien qed jaqsam sema l-iskiddjatura tal-mutur u kwindi lemah il-mutur mal-art. Jinghad ukoll li prova dwar allegat speed eccessiv ma tirrizulta minn imkien la mir-rapport tal-pulizija u anqas mix-xhieda tal-istess konvenut. Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-mutur garrab il-hsarat u l-attur sofra l-feriti li jinsabu ampjament ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti per konsegwenza tan-negligenza tal-konvenut li qabad u qasam trieq principali u mblokka l-karreggjata tal-attur b’mod li holoq emergenza istantanea lill-istess attur li safa kostrett li japplika l-brakes f’daqqa.

Illi anqas ma ngiebet prova kuntrarja ‘il ghala qed jigi kkontestat il-valur tal-kwantum.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kwindi jilqa t-talbiet attrici, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur is-somma mitluba ta’ tliet mija u wiehed Liri Maltin (Lm301) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------